# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI Nru 2868

**Kaz Nru. 3979/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**Bejn**

**Ioannis Katakis (Numru tad-Dokument tar-Residenza 31065(A))**

**u**

**Pinnacle Gaming Group Limited (C 34215) u bil-verbal tat-22 ta' Lulju, 2021 l-isem tas-Socjeta' intimata' huwa IZI Group Plc (C34215)**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fit-22 ta' Gunju, 2021. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv. Adrain Delia u**

**ghas-socjeta ntimata dehru s-Sur Neville Aquilina u s-Sur Silvio Scicluna li kienu assistiti mill-Avv. Marlon Borg u mill-Avv. Jurgen Dingli.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz tar-rikorrenti gie ddikjarat :-**

1) **Illi huwa gie imlaqqgha mis-Sur Albert Frendo tal-BOV mas-Sur Johann Schembri li hu l-Managing Director ta' Pinnacle Gaming Group Limited (PGG) sbiex jigi mpjegat ma' PGG. Is-Sur Frendo kien cempell lir-rikorrenti sabiex jghidlu lis-Sur Johann Schembri kellu jikkomunika mieghu sabiex jiltaqghu meta jkun Malta;**
2) **Illi s-Sur Albert Frendo u l-BOV ghandhom rispett kbir lejn ir-rikorrenti minhabba l-mod kif zviluppa l-impriza ta' Maltco Lotteries ghaliex iz-zewg loans ipprovduti mill-BOV fl-2004 u fl-2012 (ta' credit line ta' 'l fuq minn tletin miljun Euro (€30,000,000) thallsu qabel l-iskadenza taghhom u l-impriza ta' Maltco Lotteries irduppjat id-dhul taghha fil-perjodu ta' bejn l-2004 u l-2015;**
3) **Illi meta r-rikorrenti iltaqa' mas-Sur Johann Schembri huwa qallu li ried jikkopera mar-rikorrenti dwar progett f'Cipru, u aktar minnhekk fuq il-progett tal-licenzja tal-Lotterija Nazzjonali f'Malta, ghaliex ir-rikorrenti rebah dan it-tender darbtejn, u kien stabilixxa Maltco Lotteries u zviluppa l-impriza mill-2004 u l-2015 sa ma telaq il-kumpanija fl-2015;**
4) **Illi z-zewg tenders tal-Lotterija Nazzjonali (fl-2001 u l-2012) ir-rikorrenti kien responsabbli ghall-istabbiliment tal-konsorzju Maltco Lotteries, il-preparazzjoni taz-zewg bids, in-negozjar taz-zewg licenzji tal-Lotterija Nazzjonali u l-Concession Agreements, l-istabbiliment tal-Maltco Lotteries bhala kumpanija, l-impjieg ta' l-**

**istaff, l-izvilupp taz-zewg imprizi b'kooperazzjoni ma' KPMG, l-implimentar tal-impriza fl-2004 (wara li giet iffirmata l-ewwel licenzja) u l-operat tal-impriza mill-2004 sal-2015;**

5) **Illi t-tigdid ta' licenzja tal-Lotterija Nazzjonali fl-2012 ghal ghaxar snin ohra meta rebah it-tender kontra l-konsorzju PGG u IGT;**
6) **Illi minhabba l-kisbiet globali tar-rikorrenti fil-qasam tal-gaming bhala General Commercial Director ta' Intralot SA fil-Grecja u bhala CEO tal-Maltco Lotteries mill-2004 sal-2015, li fl-ahhar tieghu Maltco Lotteries saret l-iktar lotterija ta' success fost il-lotteriji Ewropej, fl-2015 gie elett bhala membru tal-PGRI HALL OF FAME fl-Amerika, bhala CEO ta' Maltco Lotteries;**
7) **Illi l-impieg tar-rikorrenti ma' PGG kellu jipprovdi lil PGG rikonoxximent u status internazzjonali u li kieku l-licenzja tal-Lotterija Nazzjonali kellha tintrebah mill-konsorzju tal-PGG:**
   a) **Il-BOV kien ihossu aktar komdu jipprovdi facilitajiet ta' kreditu finanzjarju lill-konsorzju ta' PGG minhabba l-esperjenza tieghu f'dan il-qasam : u**
   b) **Kien jassikura s-success tal-impriza ghall-ghaxar snin li jmiss mill-bidu tal-licenzja ta' PGG;**
8) **Illi s-Sur Schembri offra kuntratt defenit ta' 3 snin lir-rikorrenti, u matul tali diskussjoni intqal lir-rikorrenti li jkun aktar ta' beneficcju ghall-grupp li jsir COO, izda fl-ahhar tan-negozjar u qabel gie ffirmat il-kuntratt, minhabba l-valur tal-esperjenza globali tar-rikorrenti fit-tmexxija ta' l-imprizi ta' natura simili u l-organizazzjoni ta'**

**kumpaniji, ir-rikorrenti gie offrut ir-rwol ta' DCEO u anke direttorat fi 3 kumpaniji tal-gaming ta' PGG;**

**9) Illi s-Sur Schembri talab lir-rikorrenti sabiex jieqaf kwalunkwe xoghol ta' konsulenza li kien jaghmel bhala konsulent individwali fl-ahhar snin;**

**10) Illi bhala DCEO u kwazi 10 xhur ir-rikorrenti ghen lil PGG jidhol f'diskussjoni ma' kumpaniji barranin sabiex jistabilixxu 'joint venture' ghall-preparamenti ghat-tender tal-Lotteriji Nazzjonali;**

**11) Illi l-kontribut tar-rikorrenti kien li jara x'kien hemm bzonn fil-progett, x'kien hemm bzonn ghall-istabiliment tal-impriza b'success, x'kellu jkun ir-rwol ta' kull sieheb fil-konsorzju u x'kienu l-fatturi principali ghas-soluzzjonijiet teknici ghall-impriza ghall-licenzja tal-Lotterija Nazzjonali sabiex tigi operata b'success ghal ghaxar snin li jmiss, kemm f'sens finanzjarju kif ukoll ta' zvilupp;**

**12) Illi xoghol iehor li r-rikorrenti hadem fuqu rrigwardja:**

**a) L-organizazzjoni u l-ghazla ta' online technical supplier ghall-internet tal-grupp, billi stabbilixxa kriterji ghall-ghazla tieghu;**

**b) L-istabbiliment ta' organistion chart ghall-grupp;**

**c) L-assistenza fl-ghazla ta' kumpaniji ta' kommunikazzjoni billi pprepara l-pjan ta' kommunikazzjoni relatat mal-Lotterija Nazzjonali permezz tal-provizzjoni ta' informazzjoni essenzjali tal-gaming ibbazat fuq l-esperjenza tieghu f'Malta u barra minn Malta;**

**d) L-analizzar u l-ameljorar b'funzjonalita gdida tas-sistema ta' monitoragg permezz kliem il-grupp kien qed ihares l-impriza ta' retail betting ta' IZIBET;**

**e) L-analizi tal-impriza tas-suq Ciprijott, il-potenzjal tieghu kif ukoll il-prospetti ta' PGG u l-istrategija li PGG kella taddotta fis-suq tal-betting Ciprijott;**

**f) L-organizazzjoni tal-impjieg tal-istaff il-gdid ghall-espansjoni tal-online betting ta' PGG.**

**13) Illi fi Frar 2021 is-Sur Schembri sejjah lir-rikorrent fl-ufficcju u nfurmah li ma kellux bzonnu izjed u li kien se jaghtih is-sensja bhal DCEO;**

**14) Illi l-ghada b'mod mhux ufficjali, is-Sur Schembri nforma lir-rikorrenti illi minhabba li haseb li kien qed jghaddi informazzjoni dwar PGG u l-movimenti tas-CEO lil Maltco Lotteries fir-rigward tat-tender, u meta r-rikorrenti talbu ghaliex haseb hekk, is-Sur Schembri nfurmah li semghu jkellem lis-Sur Kasiotakis bil-Grieg;**

**15) Illi meta r-rikorrenti spjega lis-Sur Schembri li kien kellem lis-Sur Kasiotakis ghaliex kellu bzonn xi karti relatati mad-dhul u t-taxxa tieghu fis-snin li qatta' mal-Maltco Lotteries, is-Sur Schembri ma accettax din l-ispjegazzjoni u qallu li ma emmnux;**

**16) Illi fi zmien saghtejn ir-rikorrenti ipprovda evidenza relatata ma tali dokumenti pprovduti lilhu minn Maltco Lotteries, izda s-Sur Schembri infurmah li kien 'tard wisq';**

**17) Illi meta r-rikorrenti talab li almenu jinghata kumpens adegwat ghat-terminazzjoni (xahrejn notice u hamsin elf Ewro**

**(€50,000) kumpens, is-Sur Schembri informah illi ma hemm l-ebda obbligu li jinghata kumpens ghajr in-notice dovut ghas-sensja skond il-Ligi, u dan skond l-ittra ta' terminazzjoni li nhargitlu;**

**18) Illi madankollu s-Sur Schembri offra lir-rikorrenti jiffirma 'exclusivity contract' ta' sentejn ghal hamsin elf Ewro (€50,000) sabiex jassisti lil PGG fit-tender tal-Lotterija Nazzjonal, li ovvjament ir-rikorrenti ma accettax (id-dati u informazzjoni relatata jinsabu fil-korrispondenza tat-terminazzjoni);**

**19) Illi l-ahhar pagament li r-rikorrenti ircieva kien ibbazat fuq is-salarju tieghu sad-data tat-terminazzjoni tal-impjieg.**

**Is-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li tghamel parti minn grupp ta' kumpaniji li joperaw fil-qasam tal-gaming u prezentament l-Grupp jopera taht l-isem 'IZIBET' u 'Dragonara' u dan kif awtorizzat mill-Malta Gaming Authority (MGA) u l-isem tal-kumpanija nbidel ghal dak ta' IZI Group plc (C-34215).**

**Is-socjeta tghid ukoll, li mpjegat lir-rikorrenti f'April, 2020 ghar-raguni li kien hemm pjan ta' ri-organizazzjoni tar-responsabilitajiet tal-funzjoni tal-Kap Ezekuttiv tal-Grupp u anke fl'isfond ta' pjan ta' espansjoni tal-attivitajiet tal-Grupp, inkluz l-espansjoni tal-Grupp gewwa Cipru u progetti ohra.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li r-rikorrenti kien indikat bhala persuna valida sabiex ikun parti minn dan il-pjan u dan invista tal-esperjenza sostanzjali tieghu fl'industrija tal-gaming u l-fatt li l-lingwa nattiva tieghu hija l-Grieg.**

**Is-socjeta tghid ukoll, fil-waqt li parti mir-responsabilitajiet kellhom jibqghu responsabilita tal-Kap Ezekuttiv pero, certi responsabilitajiet ohra kellhom jghaddu taht id-Deputy Chief Executive Officer liema kariga ma kienitx tezisti qabel ma gie mpjegat ir-rikorrenti u din kellha tigi okkupata minnhu.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li r-rikorrenti kien l-ahhar impjegat fl'istruttura tal-gradi li ghanda s-socjeta ghall-pozizzjonijiet ezekuttiva liema skala hija mgharufa bhala C-level u s-Socjeta tghid ukoll, li l-impjieg tar-rikorrenti bhala Deputy Chief Executive Officer gie terminat fid-9 ta' Frar, 2021 u l-ahhar gurnata tax-xoghol tieghu kienet 23 ta' Frar, 2021.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg saret ghar-raguni ta' sensja u dan kif inhu evidenti mill-ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg datata 9 ta' Frar, 2021 u saret minhabba l-impatti negattivi fuq l-operat u d-dhul li rregistrat is-socjeta ntimata b'modd generali l-Grupp attribwibbli partikolarment ghall-effetti negattivi u l-incertezza li halla l-**

**virus COVID-19 fuq l-ekonomija mondjali inkluz dik lokali, u li sahasitra wasslet ghall-gheluq tal-Grupp tas-socjeta ntimata.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li minhabba l-imsemmi impatt negattiv u incertezza, is-socjeta ntimita ma kelliex ghazla hlief li tibdel il-modus operandi tal-istruttura organizzattiva interna u zzomm lura mill-pjan ta' espansjoni u tara fl'liema oqsma tista tkun iktar efficjenti billi kemm jista jkun tnaqqas l-ispejjez.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li dan kien jinvolvi l-abolizzjoni tal-funzjoni ta' DCEO u r-rintegrazzjoni tal-funzjonijiet kollha koperti mid-DCEO fil-funzjoni tal-Kap Ezekuttiv u dan sar ukoll in vista tar-remunerazzjoni sostanzjali li l-pozizzjoni ta' DCEO kellha u ghaldaqstant minhabba c-cirkostanzi, is-socjeta ma kellhix ghazla ohra hlief li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li prezentament ir-rowl ta' DCEO ma ghadix tezisti fl'istruttura tal-kumpanija u dik tal-Grupp u r-responsabilitajiet saru responsabilita' tal-Kap Ezekuttiv kif kienet qabel ma nholqot il-pozizzjoni ta' DCEO u li CEO qed jigi assistit mill-membri l'ohra tal-management team, liema funzjonijiet huma koperti minn persuni li llhom jokkupaw il-karigi mal-kumpanija ntimata ghal diversi snin.**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti kienet abbazi ta' redundancy li saret b'konformita ma dak li tipprovdi l-ligi.**

**Fl'ewwel seduta tal-Kaz li saret fit-22 ta' Lulju, 2021 l-Avv. Marlon Borg li assista s-socjeta ntimata nforma lit-Tribunal Industrijali li ricentament is-socjeta biddlet isimha minn Pinnacle Gaming Group Limited ghal IZI Group plc ( C 34215).**

**It-Tribunal Industrijali nnota d-dikjarazzjoni ta' l-Avukat Marlon Borg u ordna li jsir it-tibdiel fl'Occhio tal-Kaz.**

**Mill-provi jirrizulta li r-rikorrenti gie mpjegat mas-socjeta ntimata permezz ta' kuntratt ta' servizz indefenit datat 9 ta' April, 2020 imma b'effett mill-1 ta' April, 2020 u kellu zmien ta' prova ta' sitt xhur u skond klawsola 5.1 tal-kuntratt ir-rikorrenti kellu jibda b'salarju ta' €120,000 fis-sena u wara li jghaddi z-zmien ta' prova ta' sitt xhur is-salarju tieghu kellu jigi mizjud ghal €150,000 fis-sena.**

**Mix-xhieda tas-Sur Johann Schembri li jokkupa l-grad ta' CEO tas-socjeta ntimata jirrizulta li f'Marzu, 2020 wara li ghamel kuntatt mar-rikorrenti ltaqgha mieghu rigward l-ghanijiet tas-socjeta ntimata biex tespandi l-operat taghha f'Cipru.**

**Mix-xhieda tieghu jirrizulta wkoll, li wara diskussjonijiet li kellhom intlahaq ftehim li r-rikorrenti jigi mpjegat mas-socjeta ntimata fil-pozizzjoni gdida ta' Deputy Chief Executive Officer u l-kuntratt ta' servizz bejn il-partijiet gie ffirmat fid-9 ta' April, 2020 imma b'sehh mill-1 ta' April, 2020.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li r-rikorrenti apparti li kellu jkollu funzjonijiet ohra fil-qaghdi ta' dmirijiethu pero l-funzjonijiet principali tieghu kellhom ikunu primarjament biex jiehu hsieb il-progett ta' Cipru u ghalkemm kien baqa z-zmien biex tohrog it-tender tal-Lotterija Nazzjonali jibdew isiru l-preparamenti necessarji sabiex meta tohrog it-tender il-Grupp ikun f'qaghda li jibbidja ghalija.**

**Mix-xhieda tas-Sur Schembri jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti kellu wkoll iservi bhala Direttur fuq zewg kumpaniji tal-Grupp u li ghal dan ix-xoghol kellu jithallas separtament.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jkompli jghid, li r-rikorrenti qatt ma gie mahtur Direttur fuq dawn il-kumpaniji peress li kien hemm process x'jsir mal-Gaming Authority.**

**Dwar dan l-aspett xehed is-Sur Neville Aquilina li jokkupa l-grad ta' Risk and Compliance Officer mas-socjeta ntimata, fix-xhieda tieghu jghid li peress l-Malta Gaming Authority riedu dokumenti u r-rikorrenti ried igib certu dokumenti mill-Grecja u ma setghax imur minhabba il-COVID-19 ma setghux jipprocedu bl'applikazzjoni tieghu.**

**Mix-xhieda tas-Sur Johann Schembri jirrizulta wkoll, li meta ltaqgha mar-rikorrenti f'Marzu, 2020 is-sitwazzjoni tal-pandemija COVID-19 kompliet tiggrava bil-konsegwenza li mis-17 ta' Marzu, 2020 uhud mill-kumpaniji tal-Grupp fuq struzzjonijiet tal-Gvern kienu nzammu mghaluqa ghal tlett xhur.**

**Mix-xhieda tas-Sur Johann Schembri jirriuzlta wkoll, li dan l-gheluq ta' l-istabilimenti kellu l-konsegwenza li naqas drastikament id-dhul finanzjarju tal-Grupp, izda minkejja din is-sitwazzjoni il-Board tad-Diretturi kien iddecieda, li ma jittermina l-ebda haddiem li kienu jammontaw ghal madwar 350 impjegat.**

**Fix-xhieda tieghu s-Sur Johann Schembri ikompli jghid li fi Frar, 2021 huwa kien sejjah lir-rikorrenti u qallu li kien jidher car li minhabba c-cirkustanzi tal-COVID 19 kien se jkun hemm it-tieni closure tal-kumpaniji tal-Grupp u aktar tard dawn gew mghaluqa ghal perjodu ta' tlett xhur ohra.**

**Mix-xhieda tas-Sur Johann Schembri jirriulta ukoll li huwa qal lir-rikorrenti, li l-idea li jespandu l-operat f'Cipru fic-cirkostanzi prezenti m'ghadix aktar fuq l-agenda tal-Grupp u r-rigward il-progett tal-Lotterija Nazzjonali kien ghadu l-boghod.**

**Fix-xhieda tieghu s-Sur Johann Schembri jghid wkoll, li qal lir-rikorrenti li l-Grupp kien qed jghamel ezercizzju ta' "cost cutting" sabiex izommu l-impjiegi tal-haddiema li huma skilled u jekk jigu terminati dawn il-haddiema mhux facli li l-quddiem jerga jsibhom u ghaldaqstant peress li l-pozizzjoni tar-rikorrenti f'dak iz-zmien ma kienitx aktar bzonjuza ma kienx hemm triq ohra ghajr li jigi ssensjat.**

**Fix-xhieda tieghu is-Sur Schembri jghid ukoll, li minflok ir-rikorrenti ma gie mpjegat l-ebda haddiem iehor u x-xoghol li kien qed jghamel ir-rikorrenti fir-rigward tal-progett ta' Cipru kien waqaf u f'dak li kien jirrigwardja l-Lotterija Nazzjonali u xi xoghol iehor li kien qed jghamel ir-rikorrenti ha responsabilita taghhom hu.**

**Fix-xhieda tieghu s-Sur Johann Schembri jghid ukoll, minkejja li r-rikorrenti kien se jigi ssensjat pero, offrielhu xoghol ta' Konsulenza ghal hamsin elf ewro u l-ghan tal-Konsulenza kien li jekk l-kumpanija**

**tiddecedi li tkompli ssegwi li tidhol ghat-tender tal-Lotterija Nazzjonali, ir-rikorrenti kien jista jintalab ghal pariri tieghu skond il-bzonn.**

**Is-Sur Johann Schembri jghid wkoll, li l-unika kundizzjoni li saret lir-rikorrenti biex ikun Konsulent kienet li dan jghamlu b'modd eskluzziv ghal-Grupp u ma jkunx involut f'dan il-qasan ma kumpaniji ohra ghar-raguni, li ma tistax tkun qed tghin lis-socjeta ntimata u fl'istess waqt qed tghin lill haddiehor.**

**Is-Sur Johann Schembri jkompli jghid, li r-rikorrenti ma accettax il-Konsulenza u fid-diskussjoni li kellhom ir-rikorrenti talab kumpenss ta' €100,000.**

**Mix-xhieda tas-Sur Johann Schembri jirrizulta wkoll, li t-talba tar-rikorrenti giet rifjutata ghar-raguni li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet se ssir fuq raguni ta' good and sufficient cause u nvista ta' dan ma kienx hemm gustifikazzjoni li r-rikorrenti jigi moghti l-kumpens.**

**Is-Sur Johann Schembri jghid ukoll, li l-unika raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti kienet ghall ragunijiet li l-kumpanija kienet ghaddejja minn zmienijiet difficcli u jichad l-allegazzjoni li r-rikorrenti ghamel, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu saret ghax is-Sur Schembri**

**haseb li r-rikorrenti kien qed jghaddi xi nformazzjoni dwar il-Lotterija Nazzjonali lill-ufficcjal tal-Maltco Ltd.**

**Fis-Seduta ta' 2 TA' Novembru, 2021 gie pprezentat affidavit tas-Sur Silvio Scicluna li jokkupa il-grad ta' Head of Human Resources tal-Gupp tal-Kumpanija IZI Group plc. fejn jghid, li l-IZI Group plc ihaddmu madwar 350 haddiem. Huwa jghid ukoll, li ma kienx involut fin-negozjar tal-kuntratt tar-rikorrenti imma kellu relazzjonijiet kordjali u qatt ma kellu kwistjonijiet mieghu.**

**Is-Sur Scicluna jghid ukoll, li meta bdiet il-krizi tal-pandemija kellu struzzjonijiet minghand is-CEO biex ikomplu bil-pjanijiet tax-xoghol u zammew l-impjegati kollha anke jekk hafna mill-haddiema kienu qed jahdmu mid-dar.**

**Huwa jkompli jghid, li kellhom kuntatti regolari mad-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali sabiex ikollhom il-permess ghal dawk il-haddiema li kienu d-dar u l-introjtu taghhom naqas ghal €1,200, li €800 kienu moghtija mill-gvern u l-kumpanija kienet titoppja l-ammont ta' €400.**

**Huwa jghid ukoll, li d-dmirijiet li kellu r-rikorrenti gew imqassma fuq impjegati ohra li kienu c-Chief Executive Officer, Chief Commerial**

**Officer, Chief Financial Officer, Chief Risk and Complaince Officer, Head of Human Resources u Chief Technology Officer**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed ir-rikorrenti fejn jghati nformazzjoni dwar l-esperjenzi internazzjonali tieghu u li hadem f'diversi pajjizi fil-qasam tal-gaming.**

**Huwa jghid ukoll, li f'Malta ilu jahdem ghal diversi snin fejn kien involut attivament biex giet imwaqqfa l-Maltco Lotteries u rebhet it-tender tal-Lotterija Nazzjonali l-ewwel darba fit-2004 u anke meta regghet harget it-tender fit-2012. Huwa jkompli jghid, li ghal din it-tender kienet ukoll applikat l-Pinnacle Gaming Group Ltd li llum iggib l-isem ta' IZI Group plc.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li kemm dam involut mal-Maltco Ltd kien jokkupa l-grad ta' CEO sal-2015 u wara dan il-perjodu kellu diversi konsulenzi fil-qasam tal-gaming.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li ghal bidu tas-sena 2020 u qabel ma bdiet il-pandemija, huwa gie kkuntattjat mis-Sur Johann Schembri li jokkupa l-kariga ta' CEO li f'dak iz-zmien l-kumpanija kellha l-isem ta' Pinnacle Gaming Group Ltd u llum tissejjah IZI Group plc.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li meta ltaqgha mas-Sur Schembri qallhu bil-hsieb li l-kumpanija kellha li terga tippartecipa ghat-tender tal-Lotterija Nazzjonali u wkoll li l-kumpanija kellha hsieb li tespandi l-operat taghha barra minn Malta lejn suq partikulari f'Cipru.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li wara d-diskussjoni li kellu mas-Sur Schembri wasslu ghal ftehim li jigi mpjegat mal-Kumpanija Pinnacle Gaming Group Ltd. fil-grad ta' Deputy Chief Executive Officer u fost id-dmirijiet li kellu jwettaq kienu li jikkoncentra primarjament biex isir ix-xoghol preliminarji nkluz ta' dokumenti li huma estensivi bhala preparamenti sabiex ikunu jistghu jibbiddjaw ghat-tender tal-Lotterija Nazzjonali.**

**Huwa jkompli jghid, kien hemm il-hsieb li jekk il-kumpanija tirbah din it-tender tal-Lotterija Nazzjonali, minhabba l-esperjenza vasta li diga kellu mal-Maltco Ltd. kienet se tkun responsabilita tieghu li jmexxi dan l-operat tal-Lotterija Nazzjonali.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li max-xoghol imsemmi huwa kellu wkoll l-inkarigu li jahdem biex il-kumpanija tespandi l-operat taghha barra minn Malta partikularment ghal Cipru. Ir-rikorrenti jkompli jghid, li bhala DECO huwa kien se jkun involut fl'operat tal-grupp tal-kumpanija fejn**

**anke kellu jigu moghti l-kariga ta' Direttur fuq kumpaniji ohra tal-Group u s-sur Schembri qallhu sabiex jitlaq kull konsulenza li kellu u jiddedika l-hin kollu tieghu ghal kumpanija.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li din ma kienitx decizjoni facli pero kien lest li jghamel dan sakemm ikun hemm provediment fil-kuntratt ta' servizz li jekk jigi tterminat l-impjieg tieghu huwa jkun intitolat ghal kumpens.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li dan qalu wkoll meta hu u s-Sur Schembri ltaqghu mal-Avukat tal-kumpanija fejn sar il-kuntratt tal-impjieg li kien kuntratt indefenit u kellu probation ta' sitt xhur b'sehh mill 1 ta' April, 2020.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li meta beda x-xoghol mal-kumpanija huwa hadem hafna rigward il-preparazzjoni tad-dokument u l'ippjanar ta' l-operat biex ikunu ppreparati fl'eventwalita li l-kumpanija tirbah it-tender tal-Lotterija Nazzjonali.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jkompli jghid, li hadem biex il-kumpanija tespandi l-operat taghha barra l-pajjiz pero gie mfixkel mis-sitwazzjoni tal-pandemija. Huwa jkompli jghid, li kellu sehem fl'oqsma l-ohra ta' l-operat tal-kumpanija biex jgholli l-istandard tal-management u tal-**

**haddiema li kienu nvoluti fl'operat ta' diversi kumpaniji li l-group ihaddan.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li fi Frar, 2021 wara li kien ilu ghaxar xhur impjegat mal-kumpanija, gie msejjah mis-Sur Schembri fejn bhal sajjetta fil-bnazzi nfurmah li kien se jghamlu redundant. Huwa jghid ukoll, li wara diskussjoni li kellu mas-Sur Schembri u kien jidher li se jispicca mill-impjieg staqsih biex jigi moghti kumpens skond kif kien miftiehem, imma s-Sur Schembri ma accettax u qallu li kull ma kien se jigi moghti kien dak li hemm fil-Ligi.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li wara din id-diskussjoni mas-Sur Schembri b'sorpriza ghalih gie offrut konsulenza li kellha l-hlas ta' hamsin elf ewro u bil-kundizzjoni li ma jkollu l-ebda konsulenza ma kumpaniji ohra.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li din il-proposta ma kienitx accettabbli li ghal hamsin elf euro jeddedika konsulenza biss ghal kumpanija. Huwa jghid ukoll, li meta kien iddecieda li jieqaf mill-konsulenzi li kellu u jiddedika l-hin kollu ghal kumpanija ghax kellu pakkett finanzjarju favorevoli li fost affarijiet ohra kellu salarju ta' mija u ghoxrin elf fis-sena, performance bouns, perks ohra u anke kien miftiehem li jkun ikkumpensat ghal karigi ta' Direttur li kellu jokkupa f'kumpaniji ohra tal-Group.**

**Huwa jghid ukoll, li kien hemm ftehim li jekk il-kumpanija tirbah it-tender tal-Lotterija Nazzjonali kien se jinghata bonus ta' darba (success fee) li jammonta ghal €150,000 u kien se jkollu l-inkarigu li jamministra l-operat tal-Lotterija Nazzjonali. Ghaldaqsstant huwa jghid, li ma kienitx tghamel sens li jitlef dawn l-beneficcji kollha li kellu fl'impjieg u fl-istess waqt jaccetta li jkun konsulent eskluzzivament mas-socjeta ntimata biex is-socjeta ntimata tibbiddja ghat-tender tal-Lotterija Nazzjonali.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll u pprezenta dokument datat 9 ta' April, 2020 immarkat bhala "Highly Confidential" – "Re :National Lottery"**

**Reference is made to the contract of employment concluded with you today the 9th April 2020 (the 'Contract' and the discussion in connection with the potential participation by Pinnacle Gaming Group Limited (the 'Company') and/or the Group's (as defined in the Contract (acting independently or as part of a consortium) in an eventual bid for the concession/s relating to the operation of the Malta National Lottery Games (the 'Concession') and your participation and involvement in the process.**

**By means of this letter we are putting on record the terms and conditions discussed and agreed.**

**1. The Company/the Group is evaluating the possibility of participating in an eventual call/request for proposals or similar public call for the concession;**

**2. Should the Company decide to so participate in the process leading to the Concession, either directly or via a Group Company (as defined in the Contract), the Company wishes to involve you in the process;**

**3. In terms of the Contract, your duties include your full participation and support in Company/Group projects, including projects similar to the above mentioned. At the same time the Company recognises your experience and expertise to lead such a project and potentially, in the evenet of a successful bid and award of the Concession to the Company/the Group, to take a leading role in managing the Concession for the Company/the Group;**

**4. In light of what is stated in paragraph 3, the Company wishes and directs you to take charge of such project and commence the necessary preparatory work leading to the eventual bid using the resources of the Company and the Group as may be required;**

**5. In the event of an eventual bid and the successful outcome of same whereby the Company or the Group or the Consortium (as the case may be) is awarded the Concession, you will receive a one-time compensation of one hundred and fifty thousand Euro (€150,000) (the 'Success Fee'). The Success Fee shall be paid to you within one (1) month from the conclusion of the necessary agreements with the Government of Malta and issuance of the necessary licence by the Malta**

**Gaming Authority. Such compensation shall be over and above any remuneration due to you in terms of the Contract.**

**6) In such event on of the following two options shall be triggered :**

**(a) The Company may request you to forego your employment as presently regulated by the Contract and request you to take up the post of Chief Executive Officer of the entity which will be responsible for the Conession against a remuneration package to be agreed with you at the time; or**

**(b) retain your role as Deputy Chief Executive Officer in terms of the Contract and agreed to sit as a director on the board of directors of the entity responsible for the Concession for ten (10) years for an annual directorship fee of one hundred thousand euros (€100,000).**

**7) In the event that the Company opts to trigger any of the options mentioned under points 6 (a) above the termination of the Contract shall be deemed a consensual one and no compensation linked to termination of employment stipulated in the Contract shall be due.**

**I trust that the above reflects our discussions agreement. You are hereby kindly requested to return a counter signed copy of this letter by way of acknowledgement of the contents hereof and your agreement to the terms set herein.**

**Dan id-dokument kien iffirmat minn Johann Schembri bhala Direttur Pinnacle Gaming Group Limited u ffirmat mir-rikorrenti fejn qabel mal-kontenut ta' dan id-dokument.**

**Matul ix-xhieda tieghu, ir-rikorrenti pprezenta dokument iehor fejn jissottometti l-pretensjonijiet tieghu li ghandu jigi moghti mis-socjeta ntimata u liema dokument jghid:**

**PGG Compenstion to Ioannis Katakis According to their in between Contact of Employment As of 9th April, 2020**

**Clause 2 Employment – Engagement & Duration**

**Article 2.4.2.1**

**Two months Notice of Termination i.e. two months gross salaries (2* 12,500 euros = 25,000 euros) plus the equivalent of four (4) months gross salaries or 50,000 euros whichever is greater ( in this case in both cases the amount is 50,000 euros) Hence total compensation 75,000 euros.**

**Article 5.4**

**600 euros health insurance and 90 euros mobile expenses per month related to the two months notice periods as per article 2.4.2.1. = 1,380 euros in total based on the above the total amount to be paid as compensation is = 76,380 euros.**

**PLUS**

**Article 2.5**

**20% extra on all the above amounts as an additional Penalty in addition to any judicial expenses = €15,276 euros**

**Total = €91,656 euros**

**In addition to the above PGG committed to Iaonnis Katakis due to the side and highly confidential letter of 9 April, 2020 that :**

1. **He will receive a one time success fee of 150,000 euros if the PGG consortium is awarded the National Lottery license consession AND**
2. **Following the signing Ioannis Katakis will become either the CEO with a remunation to be agreed at the time or a director of the BOD of the entity responsible for the National Lottery license concession for the whole period of 10 years for an annual fee of 100,000 euros.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li l-progett ta' Cipru ma kienx il-focus ta' l-impjieg tieghu imma kien wiehed mill-progetti li kellu jahdem fuqu.**

**Huwa jghid ukoll, li ghalkemm il-projett tal-Lotterija Nazzjonali ma kienx imnizzel fil-Job Description tieghu imma dan kien parti minn xogholhu u kien indikat minn side letter u hadem fuqu matul il-perjodu li dam fl'impjieg mas-socjeta ntimata.**

**Huwa jkompli jghid, li f'dak iz-zmien li kien iffirma l-kuntratt ma kienx hemm tender ghal-Lotterija Nazzjonali imma kulhadd kien jaf li l-licenzja li kellha l-Maltco Lotteries kienet se teskadi fl' Lulju, 2022.**

**Fix-xhieda tieghu jghid ukoll, li sa dan ittant kellhom jibdew isiru l-preparamenti bhal li jisru diskussjonijiet biex jitwaqqaf consortium, kien hemm aspetti ohra fosthom teknici. Huwa jkompli jghid li ghamel ghoxrin laqgha mas-service providers, hadem fuq business plan, it-tip ta' loghob li diga kien hemm, x'tip ta' loghob kellu jigi ntrodott biex ikunu lesti ghal meta tohrog it-tender kif ukoll impjega tlieta jew erba key people. Ma dan, huwa hadem u ddisinja technical solutions u fuq l-operat ta' kif kellha thadem is-socjeta fil-hwienet ghal meta tirbah t-tender tal-Lotterija Nazzjonali.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li meta s-socjeta ntimata hadet minghandu l-informazzjoni kollha li kellha bzonn dwar il-Lotterija Nazzjonali ma kellix bzonn aktar is-servizzi tieghu u kien ghalhekk li gie itterminat l-impjieg tieghu.**

**Matul il-provi l-assistenza legali tas-socjeta ntimata irrimarkaw, li x-xoghol tal-Lotterija Nazzjonali ma kienx parti mix-xoghol tal-impjieg tar-rikorrenti ghar-raguni li dan ix-xoghol ma kienx imnizzel fil-Job Description tal-impjieg tieghu u jsosstnu l-argument taghhom fejn jghidu**

**li ghalhekk kien sar dokument separat mill-kuntratt ta' Servizz bejn ir-rikorrenti u s-socjeta ntimata.**

**Minn naha tar-rikorrenti jghid, li x-xoghol tal-Lotterija Nazzjonali ma kienx fil-Job Description ghax it-tender tal-Lotterija Nazzjonali ma kienitx ghada harget pero huwa kellu struzzjonijiet biex jahdem fuq il-preparamenti ghat-tender tal-Lotterija Nazzjonali kif spjega fix-xhieda tieghu.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwistjoni. Kif jirrizulta mill-provi minn naha tas-socjeta ntimata tghid li minnhabba l-pandemija tal-COVID-19 li affettwa b'modd mill-aktar negattiv id-dhul finanzjarju taghha, kellha tiehu mizuri biex tnqaqqas l-ispejjez u ghalhekk ghamlet ri-organizazzjoni u ristrutturar li wasslu biex il-funzjonijiet principali li ghalihom gie mpjegat ir-rikorrenti ma baqawx aktar ta' prijorita u ghaldaqstant ma kellhix triq ohra ghajr li tittermina l-impieg tar-rikorrenti ghal ragunijiet ta' sensja.**

**Minn naha tar-rikorrenti jghid, li s-sensja tieghu kienet saret ghal raguni li c-Chief Executive Officer beda jahseb hazin fih ghax kien qed jghaddi informazzjoni dwar il-progett tal-Lotterija Nazzjonali lil kumpanija ohra.**

**Huwa jkompli jghid, li kien hemm raguni ohra li hija ghax wara li s-socjeta ntimata hadet l-informazzjoni li kellha bzonn minghandhu rigward il-Lotterija Nazzjonali ma kellix aktar bzonnu u kien ghalhekk li tterminat l-impjieg tieghu.**

**Aspett iehor li t-Tribunali Industrijali se jikkunsidra f'dawn il-kunsiderazzjonijiet huwa l-aspett, dwar ir-ragunijiet li gew moghtija mis-socjeta ntimata ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti u jekk dawn ir-ragunijiet kienux gusti li wasslu biex is-socjeta ntimata tirrifjuta li tghati kumpens lir-rikorrenti skond il-kuntratt ta' servizz ghar-raguni li tghid li kien hemm kawza gusta ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti u ghaldaqstant ir-rikorrenti ma kien intitolat ghal ebda kumpens.**

**Rigward dan l-aspett f'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali ezamina l-kuntratt ta' servizz datat 9 ta' April, 2020 li r-rikorrenti kellu mas-socjeta ntimata fejn klawsola 2.4.1 tghid "If the employee's employment under this Contract, is terminated by the Employer at any time following the probation period mentioned in clause 2.3 without assigning any reason ('Termination Without Cause' or 'TWC') the Employee shall be entitled to compensation mentioned hereunder in lieu of and against the Employee's waiver of any right to claiming the award of any other compensation for such termination from the Industrial Tribunal or any other tribunal or court of law".**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li klawsola 2.4.2.1 tal-Kuntratt ta' sevizz tghid :-**

**In case the TWC (Termination Without Cause) occurs at any time after the expiry of the probationary period and up to the twelfth month (12th) of the WP (Termination of Employment) the Company shall serve a NoT (Notice of Termination) of two (2) months and the CA (Compensation Amount) shall be greater of fifty thousand Euro (€50,000) or the equivalent of four (4) months of GS (Gross Salary).**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jibda biex l-ewwel ma jikkunsidra l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fejn fl-istqarrija tal-kaz tieghu jallega, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu saret ghar-raguni li CEO tas-socjeta ntimata beda jahseb hazin fih u li kien qed jghaddi l-nformazzjoni dwar il-progett tal-Lotterija Nazzjonali lil kumpanija ohra.**

**Dwar dan l-aspett it-Tribunal Industrijali gie ffaccajt bl'allegazzjoni tar-rikorrenti u c-cahda mis-CEO tas-socjeta ntimata. Meta t-Tribunal Industrijali jizen sew il-provi ma jsibx evidenza konkreta li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti saret ghal ragunijiet li qed jallega. It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li kieku l-management kien qed jissuspetta hazin fir-rikorrenti ma kienx joffrielhu servizz ta' Konsulenza.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif jirrizulta mill-provi s-socjeta ntimata ffaccjat diffikultajiet fl'operat taghha kawza tal-pandemija u kellha tghalaq uhud mill-istabelimenti taghha li affettwaw b'modd negattiv id-dhul finanzjarju taghha u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji. Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li kien hemm gustifikazzjoni li l-management tas-socjeta jiehu certu mizuri biex inaqqas l-ispejjez.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jirrimarka wkoll, li anke kieku ma nholqietx il-krizi tal-pandemija u n-negozju qed jopera b'modd normali, il-management ghandu responsabilita li jghamel r-organizazzjoni u ristrutturar mehtieg biex jikkompeti fid-dinja kompetittiva tal-llum u jamministra n-negozju bl'aktar modd efficienti, effettiv u bl'anqas spejjez possibbli, altrimenti jkun qed jipperikola l-istess ezistenza ta' l-azjenda u l-impiegi tal-haddiema.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema wkoll, li ghalkemm il-management ghandu dritt li jiehu dawk il-mizuri mehtiega, imma fit-tehied ta' dawk il-mizuri ghandu wkoll izzomm quddiem ghajnejh, li l-mizuri jkunu mill-anqas ta' piz fuq il-haddiema ghar-raguni, li l-aspett uman ghandu jigi kkunsidrat ta' kif se jintlaqtu l-haddiema nvoluti ghax jkollhom impatt negattiv fuq hajjiethom li jista jaffettwahhom negattivament f'kull aspett ta' hajjiethom; kemm dak finanzjarju, socjali u psikologiku u dan specjalment fejn ikun hemm terminazzjoni ta' impieg**

**li hija kkunsidrata bhala l-piena kapitali fil-qasam tar-Relazzjonijiet Industrijali.**

**Minn kif jirrizulta mill-provi quddiem t-Tribunal Industrijali, il-management tas-socjeta ntimata ghamel li setgha biex isalva l-impjiegi tal-haddiema, li minn madwar 350 haddiem kienu zewg haddiema li l-impjieg taghhom gie terminat, li wiehed kien ghadu fuq probation u l-iehor ir-rikorrenti.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra dak li tghid is-socjeta ntimata, li l-progett tal-Lotterija Nazzjonali ma kienx parti mill-funzjonijiet tax-xoghol li r-rikorrenti gie mpjegat ghalihom ghax ma kienx indikat fil-Job Description tieghu.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina dan l-argument huwa tal-fehma, li mpjegat jista jigi mqabbad xoghol li ma jkunx indikat fil-Job Description tieghu sakemm dan ix-xoghol ikun fil-parametri tal-hiliet tieghu u fil-linja tax-xoghol li jkun qed iwettaq.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota li mill-provi jirrizulta li matul l'impieg u l-hin tax-xoghol tar-rikorrenti huwa kien gie**

**ddelegat sabiex iwettaq xoghol li kien relatat mal-progett tal-Lotterija Nazzjonali.**

**It-tieni aspett li dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra huwa, li meta jezamina d-dokument li qed jirreferu ghalih l-assistenza legali tas-socjeta ntimata li hu datat 9 ta' April, 2020 u mmarkat "Highly Confidential – Re National Lottery" fl'introduzzjoni tieghu L-ewwel ma jirreferi ghal kuntratt ta' l'impjieg li gie konkluz bejn il-partijiet fid-9 ta' April, 2020.**

**Aspett iehor ta' dan id-dokument huwa li klawsola 3 tghid "In terms of the Contract, your duties include your full participation and support in Company/Group projects, including projects similar to the above mentioned (jirreferi ghal Lotterija Nazzjonali)......."**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li klawsola 4 ta' l-istess dokument tghid "In the light of what is stated in paragraph 3, the Company wishes and directs you to take charge of such project (jirreferi ghal progett tal-Lotterija Nazzjonali) and commence the necessary preparatory work leading to the eventual bid using the resources of the Company and the Group as may be required".**

**Invista ta' dak li qed jigi msemmi hawn fuq It-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-funzjoni tax-Xoghol tal-Lotterija Nazzjonali kienet parti ntegrali mill-funzjonijiet tax-xoghol tar-rikorrenti.**

**Invista ta' dan li qed jigi msemmi hawn fuq, it-Tribunal Industrijali jibda biex jezamina l-funzjonijiet tax-xoghol li ghalihom gie mpjegat ir-rikorrenti li bazikament kienu; li jahdem fuq il-progetti ta' Cipru, fuq il-progett tal-Lotterija Nazzjonali u jghati l-kontribut tieghu fuq l-operat tal-kumpanija.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra dawn it-tlett funzjonijiet principali li kellu r-rikorrenti u jibda bl-ahhar funzjoni dak li jghati l-kontribut tieghu fl'operat tal-kumpanija.**

**Mill-provi li ezamina t-Tribunal Industrijali jirrizultalu, li kull sezzjoni ta' l-operat tas-socjeta hija mexxija minn Head u kienu lhom impjegati mas-socjeta ntimata ghal zmien konsiderevoli u li ghandhom aktar anzjanita fl'impieg minn dak li kellu r-rikorrenti.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina dawn il-provi jirrizultalu, li l-operat ta' dawn is-sezzjonijiet kienu mixjien tajjeb u dan qabel ma gie mpjegat ir-rikorrenti u ghalkemm matul iz-zmien li r-rikorrenti kien fl'impieg ta' l-**

**kontribut biex jgholli l-istandard taghhom pero facilment setghu jibqghu mixjien tajjeb meta whud mir-responsabilitajiet li kellu r-rikorrenti bdew jigu mghoqdija lillhom.**

**Aspett iehor li t-Tribunal Industrijali jikkunsidra hija; il-funzjoni li r-rikorrenti kellu fuq il-progett ta' Cipru. Meta t-Tribunal Industrijali jezamina l-provi jirrizultalu, li minhabba c-cirkostanzi li holqot il-pandemija s-socjeta ntimata ma kellix alternattivi ohra ghajr li twaqqaf l-interess f'dak il-progett ghax il-prijorita taghha kienet li tikkonsolida dak li kellha u mhux li tespandi l-operat taghha.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll l-aspett l-iehor tal-funzjonijiet tax-xoghol li kellu r-rikorrenti dwar il-progett tal-Lotterija Nazzjonali.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema li kif jirrizulta mill-provi, din mhux biss kienet il-funzjoni ewlenija tax-xoghol tar-rikorrenti imma ir-rikorrenti gie mpjegat mas-socjeta ntimata biex jghaqdi din il-funzjoni.**

**It-Tribunal Industrijali huwa ta' din il-fehma ghar-raguni, li kienet is-socjeta ntimata li avvicinat lir-rikorrenti wara li kien hemm suggeriment minn ufficcjal tal-Bank of Valletta li kien diga hadem mar-rikorrenti fuq**

**il-progrett tal-Lotterija Nazzjonali u l-abbilitajiet tar-rikorrenti kienu maghrufa f'dan il-qasam.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif jirrizulta mill-provi r-rikorrenti kemm kien ilu fl'impjieg hadem fuq il-preparamenti kemm tad-dokumenti kif ukoll apsetti ohra tal-operat biex is-socjeta ntimata tkun ppreparata biex tibbidja ghal meta tohrog it-tender tal-Lotterija Nazzjonali.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, dak li jghid il-management li kien baqa hafna zmien biex jitwettaq dan il-progett pero, it-Tribunal Indusrijali jikkunsidra wkoll li l-progett tal-Lotterija Nazzjonali ghandu terminu ta' zmien li kulhadd jaf meta se jiskadi u l-ebda pandemija ma kienet se taffettwa meta se jiskadi t-terminu ta' zmien tal-kumpanija li kienet qed tiehu hsieb l-operat tal-Lotterija Nazzjonali.**

**Ghaldaqstant, jekk ir-rikorrenti gie mpjegat f'April 2020 u l-impjieg tieghu gie terminat fi Frar 2021 li kien ghadda perjodu ta' ghaxar xhur ifisser, li kien hemm ghaxar xhur anqas ta' meta tiskadi l-koncessjoni tal-Lotterija Nazzjonali u tinhareg it-tender.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet meta jezamina l-provi jirrizultalu wkoll, li din il-funzjoni tax-xoghol tal-Lotterija Nazzjonali li kellu r-rikorrenti kienet ghada importanti meta saret ri-organizazzjoni u l-strutturar li ghamlet is-socjeta ntimata tant, li l-management offra lir-rikorrenti li jservi bhala Konsulent fuq ix-xoghol tal-Lotteriji Nazzjonali liema offerta giet rifjutata mir-rikorrenti.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jifhem ghal liema raguni r-rikorrenti rrifjuta l-offerta ta' Konsulenza u fil-fehma tat-Tribunal Industrijali hija ghar-raguni, li r-relazzjoni tax-xoghol bejn ir-rikorrenti u s-socjeta ntimata kienet se tinbidel minn wahda ta' impjieg ghal dik ta' self employed bir-rizultat, li r-rikorrenti xorta kellu jibqa jiddedika l-hin tieghu lis-socjeta ntimata u dan b'modd esklussiv li jffisser, li kien se jkun marbut mas-socjeta ntimata daqs li kieku kien impjegat pero minghar l-beneficcji li jirrizultaw mill-kuntratt ta' servizz li kellu mas-socjeta ntimata.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li ghalkemm is-socjeta ntimata kellha dritt li tghamel ri organizzjoni u akne tabolixxi l-grad ta' Deputy Chief Executive Officer pero, peress li l-funzjoni ewlenija li kellu r-rikorrenti dik tal-Lotterija Nazzjonali baqghet tezisti, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li l-offerta li kellu jghamel il-management lir-rikorrenti kellha tkun ta' impieg alternattiv u l-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu jigu riveduti biex jirriflettu r-**

**responsabilita biss tal-funzjoni li kellu jghaqdi r-rikorrenti li hija dik tal-Lotterija Nazzjonali.**

**Aspett iehor li dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra f'dawn il-kunsiderazzjoni u jsahhah il-fehma li l-management minflok li kellu joffri servizz ta' konsulenza lir-rikorrenti imma kellu joffrielhu xoghol alternattiv huwa ghar-raguni wkoll li mhux biss il-funzjoni tax-xoghol tal-Lotterija Nazzjonali kienet ghadha tezisti imma wkoll ghax meta gie mpjegat ir-rikorrenti mas-socjeta ntimata huwa gie moghti l-impressjoni li r-relazzjoni tax-xoghol bejnu u bejn is-socjeta ntimata kienet se tkun wahda stabbli u fit-tul.**

**It-Tribunal Industrijali huwa ta' din il-fehma ghar-raguni li jidher car mill-kundizzjonijiet tad-dokument li tista tigi msejjha bhala side letter tal-kuntratt ta' servizz fejn f'dan id-dokument li diga saret riferenza ghalih datat 9 ta' April, 2020 u mmarkat "Highly Confidential-Re National Lottery" klawsola 5 titkellem fuq one time payment ta' success fee jekk tintrebah it-tender tal-Lotterija Nazzjonali li tammonta ghal €150,000 u klawsola 6 tispjega r-relazzjoni tax-xoghol li setgha jkollu r-rikorrenti mas-socjeta ntimata.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li b'rizultat ta' dan il-kuntratt hajjar lir-rikorrenti li jaccetta l-offerta tas-**

**socjeta ntimata u jhalli ix-xoghol ta' konsulenzi li kellu biex jiehu l-impjieg mas-socjeta u jddedika il-hin kollu ghalija.**

**Invista ta' dak li qed jigi spjegat hawn fuq it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li s-socjeta ntimata ma kellix tofferi lir-rikorrenti servizz ta' Konsulenza imma kellha toffri mpieg alternattiv.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsdira s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijet, isib u jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi li r-raguni ta' redundancy ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti kienet ngusta u nvista ta' dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi li r-rikorrenti ghandu jkun intitolat ghal kumpens skond klawsola 2.4.2.1 tal-kuntratt ta' servizz datat 9 ta' April, 2020.**

**Dan il-kumpens ghandu jithallas minn IZI Group plc (C 34215) fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Dan it-Tribunal Industrijali jirrimarka wkoll rigward pretensjonijiet ohra li ghandhu r-rikorrenti, li bazikament jirrigwardjaw ksur ta' kundizzjonijiet tax-xoghol u kuntratti.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li din il-materja mhix kompitenza ta' dan it-Tribunal Industrijali li jiddeciedi fuq dawn l-aspetti ta' ksur ta' kundizzjonijiet tax-xoghol u kuntratti bejn il-partijiet ghax il-kompitenza ta' dan it-Tribunal Industrijali hija li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg kienitx ingusta u jekk jirrizulta li tkun ingusta jghati rimedju.**

**Ghaldaqstant, rigward ksur tal-kundizzjonijiet tax-xoghol u kuntratti ir-rikorrenti ghandhu jirreferihom lill Qorti kompitenti li tiddeciedi fuq din il-materja.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**(Iffirmata)**
**Harold Walls**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Daniela Attard**
**Ghas-Segretarja**

**Data :29 ta'Novembru, 2022**